MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 755/2008

**Tal-Melliehi Limited (C-41851)**

**Vs**

**Vassallo Properties Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta` Ottubru, 2008, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Euro 691.00, rapprezentanti l-valur ta` diversi xogholijiet debitament ezekwiti fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta kif jirrizulta minn Dok. 4 u liema ammont kellu jigi mhallas mic-cheque a fol 4 tal-process, liema cheque pero` ma giex onorat ghar-raguni ndikata f'Dok. 2 a fol. 3 tal-process.

Bl-imghax u bl-ispejjez favur is-socjeta` attrici.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici ghas-subizzjoni tar- rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikata legalment l-istess rapprezentanti naqsu u ma deherux la fis-seduta ta` l-14 ta` Novembru, 2008, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghhom u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` Euro 691.00, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------